Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Ġunju 2022**
**(OR. fr)**

**10223/22**

**SOC 382**
**EMPL 259**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sa Marian JUURIK, membru għall-Estonja, li tissostitwixxi lis-Sa Liina KALDMÄE, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Liina KALDMÄE, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija fis-suġġett, fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Estonja).

2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Estonja nnomina lill-kandidata li ġejja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sa Marian JUURIK
Analista
Analysis and Statistics Department
Ministry of Social Affaires of Estonia
Indirizz: Suur-Ameerika 1, 10122 Tallinn, Estonia
Tel: +372 626 9268
Indirizz elettroniku: marian.juurik@sm.ee

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill:

a) jadotta, bħala punt "A" fuq l-Aġenda, id-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fl-Anness li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, u

b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019[2], il-25 ta' Ġunju 2019[3], it-8 ta' Lulju 2019[4], is-16 ta' Settembru 2019[5] u l-14 ta'Ġunju 2021[6], il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Liina KALDMÄE, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-gvern tal-Estonja nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.
2 ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.
3 ĠU C 216, 27.6.2019, p. 1.
4 ĠU C 232, 10.7.2019, p. 3.
5 ĠU C 314, 18.9.2019, p. 2.
6 ĠU C 234 I, 17.6.2021, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sa Marian JUURIK hija b'dan maħtura membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sa Liina KALDMÄE, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, fi …

Għall-Kunsill
Il-President